KULLEĠĠ SAN NIKOLA
L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA
Frar 2017

| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI<br>(Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema
## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ



1. Qassam il-karti bil-mistoqsijiet u itlob lit-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.
2. Wara, aqra l-iskript kollu bil-mod u b'leħen ċar kemm tista'.
3. L-iskript **aqrah darbtejn**, kwarta kull darba.

***Tfal, tistgħu tibdew taqraw il-mistoqsijiet f'qalbkom. Għandkom 5 minuti. Tiktbu xejn.***

**(Wara 5 minuti)**

***Issa se naqralkom l-istorja "Iż-żewġ sajjieda" . Isimgħu sew għax wara tridu twieġbu l-mistoqsijiet. Is-silta u l-mistoqsijiet se naqrahomlkom darba, nagħtikom iċ-ċans twieġbu, u wara nerġa' naqralkom is-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba.***

***Waqt li qed naqra s-silta tistgħu tibdew twieġbu l-mistoqsijiet. Fl-istess ħin, iżda, ibqgħu attenti għal dak li qegħdin tisimgħu.***

***Se nibda.***

Kien hemm żewġ sajjieda li kienu joħorġu jistadu fuq id-dgħajsa tagħhom ftit 'il barra mill-bajja tar-raħal fejn kienu joqogħdu. Wieħed kien jismu Pedro u l-ieħor kien jismu Damon. Pedro kien bniedem qalbu tajba u ġeneruż imma Damon kien għajjur u jsibha bi tqila biex jgħin lil min ikun fil-bżonn.

Pedro kien dejjem jaqbad ħafna ħut filwaqt li Damon rari kienet tiġih tajba. Huma u ġejjin lura lejn ix-xatt, iż-żewġ sajjieda kienu jiltaqgħu u meta Pedro kien jinduna li sieħbu ma kienx qabad ħut, kien jagħtih xi ftit minn tiegħu biex meta jmorru d-dar, it-tnejn ikollhom xi jbigħu lil dawk li jkunu qegħdin jistennew fuq ix-xatt biex jixtru ħuta friska.

Darba waħda għamlet maltempata kbira u d-dgħajsa ta' Pedro nqatgħet mill-irbit u tfarrket mal-blat. Meta l-maltemp għadda, Damon ħejja kollox biex joħroġ jistad imma Pedro ma setax għax ma kellux flus biex jixtri dgħajsa oħra.

Pedro għamel ftit tal-kuraġġ u talbu biex imur jistad miegħu. Imma Damon ma riedx u wieġbu, "U issa ma tarax Pedro! Stenna sakemm tkun tista' tixtri dgħajsa oħra."  U jidħak b'sieħbu, beda jaqdef b'kemm kellu saħħa lejn il-post fejn is-soltu kien imur jistad.

Ix-xemx kienet taħraq u Damon beda jħossu ma jiflaħx.
Kien għoddu dalam meta Damon iddeċieda li jitlaq lura lejn ix-xatt. "Tgħidli qalbi għandi d-deni!" beda jinkwieta Damon. Ma felaħx jaqdef lejn ix-xatt u d-dgħajsa bdiet iddur dawra tond minflok ma qabdet id-direzzjoni lejn ix-xatt.

Damon beda jibża'. Saħħtu bdiet tonqos u fl-aħħar, stordut, telaq l-imqadef u ntefa' minn tulu fil-qiegħ tad-dgħajsa. "Kieku ħennejt għal Pedro u ħallejtu jiġi miegħi, kieku kien jaqdef hu u bħalissa ġa qiegħed id-dar! Ara xi ġrali għax kont għajjur u qalbi iebsa!"

Meta kien dalam sew u Pedro ntebaħ li Damon ma kienx reġa' lura, flimkien ma' sajjied ieħor, ħareġ ifittxu u ma damx wisq ma sabu, mitluf minn sensih. Pedro u s-sajjied l-ieħor rabtu d-dgħajsa ta' Damon u ġibduha lejn l-art.

Addattata minn *Iż-Żewġ Sajjieda*, storja ta' Charles Casha

* * *

***Issa li smajtu din is-silta, se naqralkom il-mistoqsijiet. Waqt li qed naqralkom il-mistoqsijiet tistgħu tkomplu taħdmu t-tweġibiet.***

***Mela, issa se naqralkom Taħriġ A.***
***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel dan is-sinjal (✓) fil-kaxxa.***

*Numru wieħed:* Pedro u Damon kienu żewġ
a) għalliema.
b) tobba.
ċ) sajjieda.
d) infermiera.

*Numru tnejn:* Pedro
a) kien għajjur.
b) kien bniedem qalbu tajba u ġeneruż.
ċ) rari kienet tiġih tajba.
d) kien isibha bi tqila biex jgħin.

*Numru tlieta:* Meta għamlet maltempata, id-dgħajsa ta' Pedro
a) tfarrket mal-blat.
b) ma ġralha xejn.
ċ) ntilfet fil-baħar.
d) ħadha Damon id-dar tiegħu.

*Numru erbgħa:* Wara l-maltempata Pedro
a) xtara dgħajsa minnufih.
b) mar jistad bħas-soltu.
ċ) mar jixtri l-ħut.
d) talab lil Damon biex imur jistad miegħu.

***Numru ħamsa:*** Damon

a) għen lil Pedro minnufih.

b) beda jidħak b'Pedro.

ċ) xtara dgħajsa sabiħa lil Pedro.

d) qal lis-sajjieda l-oħra biex jgħinu lil Pedro.

***Numru sitta:*** Meta Damon kien qed jistad

a) beda jieħu ħafna gost.

b) xtaq li jibqa' ġurnata fuq il-baħar.

ċ) beda jħossu ma jiflaħx.

d) qabdu ħafna ġuħ.

***Numru sebgħa:*** Damon iddeċieda li jitlaq lura lejn ix-xatt

a) filgħodu kmieni.

b) f'nofsinhar.

ċ) waranofsinhar.

d) filgħaxija.

***Numru tmienja:*** Meta Damon kien sejjer lura lejn id-dar, id-dgħajsa

a) bdiet iddur dawra tond.

b) qabdet id-direzzjoni lejn ix-xatt.

ċ) ma kellhiex qlugħ.

d) tkissret mal-blat.

***Numru disgħa:*** L-espressjoni **qalbi iebsa** tfisser li:

a) nkun ġeneruż.

b) ngħin lil min hu fil-bżonn.

ċ) ma naħsibx f'ħaddieħor.

d) ngħid fuq in-nies.

***Numru għaxra:*** Pedro sab lil Damon mitluf minn sensih. **Mitluf minn sensih** tfisser li Damon

a) intilef fil-baħar.

b) ma kienx jaf x'inhu jiġri.

ċ) dar dawra bid-dgħajsa.

d) beda jidħak ħafna.

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ B.***
*Aqra s-sentenzi u mmarka (✓) taħt **VERU** jew **FALZ.***

***In-numru wieħed:*** Pedro kien jaqbad ħafna ħut. ***Veru jew falz?***
***In-numru tnejn:*** Damon kellu qalbu tajba u Pedro kien għajjur. ***Veru jew falz?***
***In-numru tlieta:*** Damon beda jinkwieta li kellu d-deni. ***Veru jew falz?***
***In-numru erbgħa:*** Damon iddispjaċih li kien qalbu iebsa ma' Pedro. ***Veru jew falz?***
***In-numru ħamsa:*** Pedro mar waħdu jfittex lil Damon. ***Veru jew falz?***

***Issa se ngħaddu għall-aħħar taħriġ, it-Taħriġ Ċ.***
***Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.***

1. Meta kienu jmorru lura lejn ____________, Pedro kien jagħti ftit ħut lil sieħbu biex ikun jista' jbigħu.

2. Id-dgħajsa bdiet iddur dawra ____________ minflok qabdet ____________ lejn ix-xatt.

3. Meta Pedro ________________ li Damon ma kienx reġa' lura, ħareġ ifittxu ma' ________________ ieħor.

***Issa se nerġa' naqralkom is-silta u wara l-mistoqsijiet. Tistgħu tiċċekkjaw it-tweġibiet tagħkom u timlew fejn ħallejtu vojt.***

* * *

*Wara li taqra s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba, agħti ftit minuti lit-tfal biex tara li jkunu lesti. Fl-aħħar tista' tgħid:*

***Grazzi! L-eżami tas-smigħ spiċċa.***